MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 735/2001/1

Avviz Nru:  735/01 DM

Lloyds (Malta) Limited, bhala rappresentanti ex lege ta' Cotesworth Capital Ltd, membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicate bin-Nru 1069 u joperaw taht l-isem H. R. Rivington & Others, Millennium Insurance Agency Limited bhala rappresentanti lokali tal-istess H. R. Rivington & Others -Syndicate 1069 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Josette Borg u l-istess Josette Borg

vs

Alan Abela

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma komplessiva ta’ elf tmien mija tmienja u erbghin lira hmistax –il centezmu (Lm1848.15c) Lm 1641.90 lill-atturi Lloyds (Malta) Limited u Millennium Insurance Agency Limited noe u Lm 206.25c lill-attrici Josette Borg in linea ta’ danni minnhom sborsati in segwitu ghall incident awtomobilistiku li gara Marsa fl-14 ta’ Mejju 2000, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura Nru CBF 057 habat mall-vettura Nru BBJ 937 proprjeta tal-attrici Josette Borg u misjuqa minnha liema vettura fil-hin tal-incident kienet wieqfa ghal kollox – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u in osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Mejju 2001 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mill-15 ta’ Mejju 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Fl-ewwel lok l-incident tat-traffiku meritu ta’ dan l-avviz ma’ garax tort u htija tieghu izda gara im parte tort u htija ta’ l-attrici Josette Borg, is-sewwieqa tal-vettura numru BBJ 937, im parte imhabba cirkostanzi li l-istess eccipjenti ma kellux kontroll fuqhom u dana kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;
2 Referibilment ghad-danni mitluba mill-atturi dawn huma ezagerati ghal kollox, u dana wkoll kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3 Invista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;
4 Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal- 15 ta’ Mejju 2003 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara illi mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Dwar kif sehhet din il-kollizjoni f'Garibaldi Street, il-Marsa m'hemmx divergenza bejn il-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa nvoluti.

Infatti t-tnejn jaqblu illi waqt illi l-attrici Josette Borg kienet qed issuq fit-Triq Garibaldi fl-14 ta' Mejju 2000 waqt li kienet nizla x-xita l-karrozza misjuqa minnha skiddjat u telghet b'parti minnha fuq is-'central strip' fuq tan-naha tal-lemin tal-karreggjata.

Illi ftit mumenti wara, meta l-attrici kienet digia lahqet harget mill-vettura taghha u anke harget lil binha minn go din l-istess vettura, avvicina l-konvenut u, kif gralha l-attrici, skiddja hu wkoll u bl-iskid habat mall-vettura tal-attrici fil-karreggjata tal-lemin b'rizultat li l-vetturi sofrew hsarat.

Dak li qieghed isosstni l-konvenut huwa li ghandhu jkun ritenut ezenti minn kull risponsabbilta' peress illi l-fatt illi huwa skidja fuq triq imxarba jew li tizloq b'xi sustanza ohra, ghandhu jigi ritenut bhala 'inevitable accident' li jezentah minn kull negligenza u ghalhekk minn kull responsabbilta'.

M'hemmx dubju illi t-triq dak in-nhar ta' dan l-incident kienet tizloq u dan kien dovut definittivament minhabba x-xita li kienet niezla dak il-hin u setgha anke kien hemm ukoll xi zlieq minhabba xi zejt li setgha kien hemm fil-vicinanzi kif del resto xehdet ukoll l-attrici Josette Borg.

Pero biex wiehed jista' jghid illi l-iskid kienet dovuta ghal kawzi li ma setghux jigu evitati wiehed irid jipprova illi, kienu x'kienu l-prekawzjonijiet li sewwieq setgha jiehu,

huwa ma kellux l-opportunita' illi jikkontrolla l-vettura tieghu u ma setghax jevita l-habta ma vettura ohra.

Fil-kamp kriminali kien gie ritenut mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza " Il-Pulizja vs Felic Mangion" fid-decizjoni taghha tad-19 ta' Settembru 1949 illi: *"l-iskidd tista' tigri nonostante li d-'driver' jiehu prekawzjoni, tista' tigri minhabba negligenza ta' 'road user' iehor u, tista wkoll tigri minhabba negligenza konsistenti fin-nuqqas ta' prekawzjoni tad-'driver' li l-karrozza tieghu skiddjat. Ghalhekk hemm bzonn li minn barra l-fatt semplici tal-iskidd, ikun hemm prova ta' negligenza biex jista' jkun hemm ir-responsabbilta'."*

Izda l-grad ta' prova fil-kamp civili mhux daqshekk rigidu.

Evidentement dejjem jispetta lill-attur fl-ewwel lok jitfa xi kolpa fuq is-sewwieq l-iehor b'implikazzjoni ta sewqan imprudenti jekk mhux negligenti, izda f'dan il-kaz, billi jirrziulta li l-konvenut habat mal-vettura stazzjonarja ta Josette Borg fi triq wiesgha u b'vizwali fit-tul, mill-ewwel jirrizulta tort tieghu 'prima facie' u jinkombi ghalhekk fuq il-konvenut li jesonera ruhu mill-implikazzjonijiet indikati mill-habta.

Infatti l-konvenut jipprova jiggustifika s-sewqan tieghu billi jallega li l-habta kienet 'an inevitable accident'.

Sabiex wiehed jista' jiddettermina illi persuna, li l-vettura taghha skiddjat, hija ezenti mir-responsabbilita' din l-ezenzjoni trid tkun ibbazata mhux biss fuq il-fatt wahdu li tirrizulta l-iskid minghajr prova cara ta negligenza izda fuq provi, li jinkludu ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ,illi jkunu jindikaw mhux biss li kien hemm skid izda li tali skid kienet tant inevitabbli li kienet tigri u ttellef il-kontroll lill kull sewwieq iehor ta esperjenza medja normali li wiehed jistenna li jkollhu kull minn juza t-toroq ghas-sewqan.

Ghalhekk il-konvenut kien tenut li jipprova, oltre l-iskid, illi l-istess skid ma kienetx dovut ghal xi nuqqas ta esperjenza tieghu jew ghal xi nuqqas ta prekawzjonijiet

dettati mic-cirkostanzi li fihom sab ruhhu, u li tali skid tellfet ghal kollox u irrimedjabilment il-kontroll tal-vettura.

Fil-kaz in ezami pero' jirrizulta illi kienu biss iz-zewg sewwieqa nvoluti illi skiddjaw u tilfu l-kontroll meta, mid-deposizzjonijiet stess tax-xhieda li nstemghu, senjatament minn dik tax-xhud Catherine Abela, jirrizulta illi fil-hin li skiddja l-konvenut kien hemm diversi karozzi juzaw Triq Garibaldi (arterja principali tat-traffiku) izda ebda wahda minn dawn il-vettura l-ohra, almenu f'dak il-hin tal-kollizzjoni in kwistjoni, ma skiddjat kif skiddjaw il-vetturi involuti. Dan huwa indikattiv ta nuqqas ta debita perizja fis-sewqan tal-konvenut.

Inoltre l-konvenut, li kellu vizwali fit-tul u kien induna minn qabel bil-vettura tal-attrici fuq is-'centre strip', indikativa anke ta skid fl-assenza ta vettura ohra involuta, u anke minhabba ix-xita, kellu bizzejjed pre avviz illi setgha kien hemm xi cirkostanza illi kienet tirrikjedi sewqan iktar prudenti mis-soltu.

F'dan ir-rigward il-Qorti ssib li f'dawk ic-cirkostanzi sewqan b'velocita' ta 35 mil fis-siegha ma kienx sewqan prudenti.

L-istess argumenti japplikaw fir-rigward tas-sewqan tal-attrici Josette Borg, li, inoltre, wara l-kuntatt mas-'centre-strip' minflokk ma hadet il-passi kollha necessarji biex tnehhi l-ostakolu evitabbli li kkreat fit-triq principali, anzi telqet il-vettura fit-triq minghajr ma applikat il-'hand brake'.

Ghaldaqstant il-Qorti issib illi jkun ekwu illi r-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni tigi maqsuma bejn iz-zewg kontendenti fi grad ta nofs kull sewwieq.

Billi l-konvenut mhux qieghed jikkontesta d-danni reklamati mill-atturi fis-somma totali ta' Lm1848.15 (elf tmien mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hmistax il-centezmi) isegwi li l-konvenut, responsabbli fi grad ta' nofs ghall-incident in kwistjoni, ghandhu jhallas nofs dan l-ammont fis-somma ta' Lm924.07c 5 (disa' mija u erba' u

ghoxrin lira Maltin u seba' centezmi u hames millezmi) u l-Qorti qedgha ghalhekk tilqa t-talba attrici limitatament billi konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi Lloyds (Malta) Limited, fil-kwalita taghhom premessa, s-somma ta' Lm820.95 (tmien mija u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmi) u lill-attrici Josette Borg is-somma Lm103.12c5 (mija u tlett liri Maltin u tnax il-centezmu u hames millezmi); bl-imghaxijiet b'effett mill-15 ta' Mejju 2001.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------